# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar, 2024.**

**Numru 16**

**Rikors numru 42/2016/3 JVC**

**Robert Mejlaq**
***v.***
**Carmelo *sive* Charles Galea**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mill-konvenut biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tas-26 ta' Ottubru 2022, wara li titħassar dik is-sentenza għax igħid illi s-sentenza ttieħdet bil-qerq tal-attur bi ħsara tiegħu (art. 811 para. (*a*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attur kien xtara minħgand il-konvenut vettura bil-prezz ta' tlittax-il elf u tliet mitt euro (€13,300). Billi iżda sab illi l-vettura kellha difett li ma jidhirx u li jagħmilha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, jew li jnaqqas

il-valur tagħha hekk ma kienx jixtriha li kieku kien jaf bid-difett, fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti, wara li tgħid illi l-vettur għandha dak id-difett, tikkundanna lill-konvenut irodd il-prezz imħallas lilu, flimkien mal-imgħax-ijiet u l-ispejjeż.

3. B'sentenza tas-7 ta' Marzu 2017 l-ewwel qorti laqgħet it-talbiet tal-attur. Il-konvenut appella iżda din il-qorti b'sentenza tas-26 ta' Ottubru 2022 ["is-sentenza attakkata"] ċaħdet l-appell u ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti.

4. Ir-raġunijiet li wasslu lil din il-qorti biex tiċħad l-appell ġew imfissra hekk fis-sentenza attakkata:

> »7. Bl-ewwel aggravju l-konvenut isostni li l-qorti kompetenti sabiex tisma' u tiddeċiedi l-kawża kienet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-kompetenza inferjuri, u dan peress li l-ħlas mitlub hu inqas minn €15,000. Eċċezzjoni li skont il-konvenut tista' tingħata f'kull stadju tal-kawża għaliex hi perentorja.
>
> »8. Il-konvenut hu żbaljat. L-art. 774 tal-Kap. 12 jipprovdi li fin-nuqqas ta' eċċezzjoni ta' inkompetenza, il-qorti għandha *ex officio* tiddikjara l-inkompetenza tagħha –
>
> > »"… … …
> >
> > »(*b*) meta, minħabba x-xorta jew il-valur tal-ħaġa li tkun fil-kwistjoni, il-kawża ma tkunx ta' kompetenza ta' dik il-qorti.
> >
> > »Iżda, fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu (*b*), l-eċċezzjonijiet ta' inkompetenza ma jistgħux jingħataw u lanqas ma jistgħu jiġu dikjarati *ex officio*, f'qorti fi grad ta' appell.
>
> »9. Għalhekk bl-applikazzjoni tal-*proviso* f'art. 774 il-konvenut ma għandux jedd jagħti l-eċċezzjoni ta' inkompetenza *ratione valoris* fi stadju ta' appell.
>
> »10. Għaldaqstant tiċħad l-aggravju.
>
> »11. Bit-tieni aggravju l-konvenut ilmenta li s-sitt xhur sabiex l-attur jiftaħ il-kawża (art. 1431 tal-Kodiċi Ċivili) beda għaddej minn meta l-attur xtara l-vettura. Spjega li l-attur kien ammetta li l-vettura kienet iddaħħan u dan għaliex ma kellhiex *diesel particulate filter* (*DPF*). Kompla li l-kwistjoni tal-bozza m'għandha x'taqsam xejn mal-fatt jekk il-magna kinitx qiegħda ddaħħan.
>
> »12. Fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut li meta l-attur fetaħ l-azzjoni redibitorja kienu diġà għaddew is-sitt xhur li jissemmew fl-art. 1431 tal-Kodiċi Ċivili, l-ewwel qorti qalet:

>»"illi d-difett li qed jilmenta minnu l-attur huwa *part* nieqsa kompletament minn ġewwa l-magna tal-vettura in kwistjoni. L-espert mqabbad mill-qorti fir-rapport tiegħu spjega fejn din il-*part* suppost kellha tkun fil-magna u anki ha ritratti ta' vettura oħra simili illi kellha l-apparat *DPF* fejn għal wieħed kien hemm tnejn fiha sabiex ikun aktar ċar x'tip ta' *part* wiehed qed jitkellem fuqha. Din il-qorti ma għandhiex dubju li għal persuni mhux tekniċi fuq il-magni tal-karozzi n-nuqqas ta' din il-*part* għandu jitqies bħala wieħed li ma jidhirx. L-attur jgħid li huwa ssuspetta li kien hemm xi ħaġa ħażina meta l-vettura bdiet iddaħħan. L-attur mill-ewwel mar għand il-persuna teknika *cioè* l- mekkanik tas-*Suzuki* f'Għawdex bl-isem ta' Frankie Frendo. Sfortunatament għall-attur iżda, dak li ma kienx jaf l-attur kien li l-istess mekkanik kien l-istess wieħed li tefa l-bozza tad-*DPF* fuq il-magna in kwistjoni meta din kienet f'idejn il-konvenut. Irriżulta għalhekk li l-attur anki dik id-darba ġie ngannat għaliex dan il-mekkanik sabiex jgħatti xturu gideb lill-attur meta qallu li l-vettura ma kellha xejn u għalhekk l-attur ma setax ikun jaf bid-difett. Jirriżulta iżda li meta l-attur ra li l-vettura baqgħet iddaħħan huwa mar għand mekkanik ieħor u dan fl-aħħar induna li l-vettura kellha d-*DPF* nieqes. Mill-*affidavit* ta' dan il-mekkanik *cioè* Xavier Tony Attard jirriżulta li dan kien f'nofs Marzu tas-sena 2016. Kien wara dan kollu li Frankie Frendo l-mekkanik l-ieħor ammetta x'kien talbu jagħmel il-konvenut qabel ma l-vettura nbigħet lill-attur. Ix-xiehda ta' Xavier Tony Attard bl-ebda mod ma ġiet kontradetta mill-konvenut u ġiet korroborata mill-attur u missieru. Għalhekk il-qorti tqis li bla ebda dubju l-attur skopra d-difett moħbi fil-vettura f'Marzu tas-sena 2016 u mhux qabel. Il-kawża odjerna nfetżet fis-27 ta' Mejju 2016 u *cioè* ben *entro* t-terminu ta' sitt xhur imposti fil-liġi.
>
>»Għaldaqstant il-qorti għar-raġuniijet suesposti tqis li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mill-konvenut *ai termini* tal-artikolu 1431 tal-Kap. 16 mhiex ġustifikata u jistħoqq li tiġi miċħuda."

»13. L-azzjoni redibitorja fir-rigward ta' mobbli taqa' bl-għeluq ta' sitt xhur minn dakinhar tal-kunsinna tal-oġġett (art. 1431(1) tal-Kodiċi Ċivili). Imbagħad subinċiż (2) jipprovdi:

>»"(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett".

»14. Il-provi juru li r-raġuni għalfejn il-vettura kienet qed iddaħħan kien minħabba li ma kellhiex *DPF*. L-espert ġudizzjarju spjega li din il-*part* taqbad "… is-*soot* qabel ma joħroġ minn ġol-*exhaust pipe* u jniġġes l-arja. Fil-fatt, *diesel particulate filter* or *'traps' do just that, they catch bits of soot in the exhaust*". Fl-*affidavit* l-attur spjega kif kien f'Diċembru 2015 li nnota li l-vettura kienet qiegħda ddaħħan, peress li qabel il-vettura kienet għat-tiswija minħabba li kien involut f'inċident tat-traffiku. Il-kawża nfetħet fis-27 ta' Mejju 2016. Għalhekk, minn meta l-attur induna li l-vettura qiegħda ddaħħan sal-ġurnata li fetaħ il-kawża, żgur li kienu għadhom m'għaddewx is-sitt xhur. Kien imbagħad biss meta l-attur ħa l-vettura għand il-mekkanik Tony Attard li sar jaf li l-vettura ma kellhiex dak l-apparat, għaliex għand l-ewwel mekkanik li kien mar (Frankie Frendo) kien qallu li l-vettura m'għandha xejn.

»15. Kien f'Marzu 2016 li l-attur mar għand il-mekkanik Tony Attard peress li l-vettura baqgħet iddaħħan. Tony Attard kien xehed li waqt l-

ispezzjoni tal-vettura ried jiċċekkja wkoll d-*DPF* iżda sab li ma kienx hemm dak l-apparat, u "… minfloku kien hemm kanna iffittjata biex ġiet magħquda s-sistema. Ngħid ukoll illi s-*sensors* li jkun hemm mas-sistema tad-*DPF* kienu hemm. Ngħid li kien jidher ċar li d-*DPF* kien tneħħa u minfloku ntużat u ġiet *fitted* biċċa kanna ta' *silencer*".

»16. Evidenti għalhekk li l-vettura tneħħitilha parti essenzjali. Meta tqis dan kollu li ntqal u l-fatt li l-kawża nfetħet fis-27 ta' Mejju 2016, il-qorti m'għandhiex dubju li kienu għadhom m'għaddewx is-sitt xhur.

»17. Għalkemm il-konvenut jistaqsi wkoll, "(i)… jekk għandux jitwemmen ix-xhud prodott mill-attur Frankie Frendo li suppost lill-attur qallu 'tikxifnix' u dan fil-fatt kixfu", mill-atti ma jirriżultax li dik il-persuna xehdet.

»18. Il-konvenut kompla jargumenta li wkoll jekk il-vettura kienet difettuża, id-difett ma kienx a konoxxenza tal-konvenut meta xtara l-vettura mingħand Sergei Vella u damet perjodu qasir għandu qabel bigħ il-vettura lill-attur. Fil-fehma tal-qorti hemm dubji serji kemm il-konvenut ma kienx jaf li l-vettura tneħħielha d-*DPF*. Mistoqsi in kontro-eżami jekk kienx mar għand il-mekkanik Frankie Frendo biex jitfi l-bozza tad-*DPF* li kienet qiegħda tixgħel, wieġeb: "Ma neskludihx, ma neskludihx, ma neskludihx". Madankollu, irrispettivament minn kienx jaf jew ma kienx jaf b'dak id-difett, jibqa' l-fatt li l-vettura li l-konvenut bigħ lill-attur kellha diffett moħbi.

»19. Għalkemm il-konvenut semma wkoll li kienet tagħmel sens it-talba tiegħu sabiex jissejjaħ fil-kawża Sergei Vella, kif qalet tajjeb l-ewwel qorti l-attur qatt ma kellu relazzjoni ġuridika ma' Sergei Vella. L-attur akkwista l-vettura mingħand il-konvenut. Irrispettivament minn meta tneħħa d-*DPF* minn fuq il-vettura, *cioè* meta l-vettura kienet fil-pussess ta' Vella jew tal-konvenut, jibqa' l-fatt li l-attur xtara mingħand il-konvenut u ppropona l-kawża biex iħoll dak il-bejgħ. Issa jekk il-konvenut għandu xi pretensjoni fil-konfront ta' Sergei Vella, dik hi kwistjoni oħra li ma tinteressax lill-attur. Dan apparti li m'hemmx prova waħda li turi li d-*DPF* kien tneħħa meta l- vettura kienet fil-pussess ta' Sergei Vella, li qal li darbtejn kien ħa l-vettura għal *VRT* u għaddiet. Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mir-rapport tal-espert tekniku, meta l-attur ħa l-vettura għall-*VRT* m'għaddietx.

»20. Għal dawn ir-raġunijiet tiċħad ukoll it-tieni aggravju.

»Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata … … …«

5. Il-konvenut fisser hekk ir-raġunijiet għala jrid illi titħassar is-sentenza attakkata:

»Dan huwa rikors ta' ritrattazzjoni imressaq *ai termini* tal-artikolu 811(*a*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta … … …

»Għal finijiet tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 811(1) (*a*) tal-Kap. 12 jingħad mill-ewwel li l-qerq tal-kontroparti attur … Robert Meilaq, li fuqu qiegħda tintalab il-preżenti ritrattazzjoni, inkixef billi l-appellant ritrattand tkellem xi ftit tal-ġimgħat ilu ma Frankie Frendo il-*mechanic*

tas-*Suzuki* u qallu illi mhux veru till-Robert Meilaq qallu "Tikxfunix" jiġifieri mal-konvenut Charlie Galea.

»Frankie Frendo il-mekkanik fl-ebda ħin ma qal lil Robert Mejlaq jew lil missieru Sammy Mejlaq "*Tikxfunix*" ma' Charlie Galea.

»Dan skond l-*affidavits* ipprezentati minn Robert Mejlaq hawn immarkat u mehmuż bhħala "Dok. A" u l-*affidavit* ta' missieru Sammy Meilaq hawn immarkat u mehmu bhala "Dok, B" fuq ix-xiehda falza illi huma xehdu permezz tal-*affidavits* tagħhom …

»Skond l-*affidavit* ta' Robert Meilaq, Frendo qallu "Tikxfunix". Kienet saret kwerela nhar il-Ħamis 23 ta' Frar 2023 lis-Supretendent tal-Pulizija, Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex, Triq ir-Republika, Rabat, Għawdex hawn mehmuża u mmarkata bhala "Dok. C" fil-konfront ta' Robert Meilaq … u Saviour *sive* Sammy Meilaq … (missier Robert Mejlaq) sabiex jinvestiga u jekk jirrizultalu jipproċedi kriminalment fuq dikjarazzjoni falza fil-konfront tal-kwerelati fuq xiehda falza permezz tal-*affidavits* tagħhom … … …

»Sammy Mejlaq ħalef bil-ġurament fl-*affidavit* tiegħu fil-5 ta' Lulju, 2016 u ġie pprezentat quddiem il-qorti bħala "Dok CS2" nhar l-Erbgħa 13 ta' Lulju 2016, u Robert Mejlaq ħalef bil-ġurament l-*affidavit* tiegħu fil-14 ta' Lulju 2016 u ġie wkoll ippreżentat quddiem il-qorti bħala "Dok. CS1" nhar l-Erbgħa 13 ta' Lulju 2016.

»Fis-6 ta' Awissu 2015 Robert Mejlaq kien xtara karozza *Suzuki Grand Vitara* DBS 819 mingħand il-kwerelant ritrattand Charles *k/a* Carmel Galea ta' *Charlie Auto Dealer*, Triq l-Imġarr, Għajnsielem, Għawdex.

»Dejjem skond kif iddikjara fl-*affidavit* tiegħu, huwa qal illi innota l-karrozza bdiet iddaħħan b'mod mhux normali. Huwa u missieru Sammy Mejlaq kellmu *mechanic* Xavier Tony Attard u qalilhom illi d-*DPF* (*diesel particulate filter*) ma kienx qiegħed hemm fil-karrozza u l-bozoz fid-*dashboard* li għandhom x'jaqsmu mad-*DPF* mhumiex jixgħelu. Dejjem skond ma iddikjaraw fl-*affidavits* tagħhom, Robert u missieru Sammy marru jkelmu lill-*mechanic* tas-*Suzuki* f'Għawdex ċertu Frankie Frendo fejn l-ewwel darba li kellmuh kien qalilhom li l-karrozza kienet iddaħħan għax tkun qed tnaddaf is-sistema. Meta Robert u missieru marru jkellmuh it-tieni darba u talbuh jiċċeklja (lil Frendo) sabiex jiftaħ il-*bonnet* tal-karozza DBS 819 u jiċċekja jekk id-*DPF* kienx hemm, huwa qalilhom illi ma kienx hemm fil-magna.

»Dejjem skond ma iddikjaraw fl-*affidavits* tagħhom Robert u missieru Sammy Meilaq il-kwerelati qalu lill-*mechanic* Frendo illi sejrin ikellmu lill-kwerelant Charlie Galea, il-persuna illi bigħ il-karozza lill-kwerelat Robert Mejlaq. Dak il-ħin, skond l-*affidavit* ta' Robert Mejlaq, Frendo qallu "Tikxfunix". Dejjem skond ma ddikjaraw Robert Meilaq u missieru Sammy Meilaq, Frendo qal lil Robert illi dakinhar illi Charlie Galea ħa il-karozza *Suzuki Grand Vitara* DBS 819 sabiex issir tiswija fuq is-*sump* taż-żejt, kien hemm bozza fuq id-*dashboard* tixgħel u dan Galea kien ġiegħlu sabiex jitfiha. Frendo qallu illi dik il-bozza ma tistax tintefa għax id-*DPF* mhux fil-magna tal-karozza. Skond Robert u Sammy Meilaq, Frendo kien reġa' insista sabiex il-kwerelati ma jikxfuhx mal-kwerelant illum ritrattand Charlie Galea. Sussegwentament, il-kwerelat ritrattat Sammy Meilaq kien xtara l-karozza u l-bozza fid-*dashboard* ma kinitx qed tixgħel.

»Missier Robert Mejlaq, Sammy Mejlaq bil-gurament tiegħu ikkonferma fis-sustanza illi l-mekkanik Frendo qalilhom sabiex ma jikxfuhx u qallu wkoll "Kif nista nitfiha jekk id-*DPF* mhux hemm?". Sammy Mejlaq fl-*affidavit* tiegħu iddikjara illi Frendo reġa' insista magħhom qabel telqu sabiex ma jikxfuhx fuq dak li qalilhom fuq Charlie Galea.

»L-artikolu 811 tal-Kap. 12 Liġijiet ta' Malta jipprovdi "Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin: (*a*) jekk is-sentenza tkun ittieħdet bil-qerq ta' waħda mill-partijiet bi ħsara tal-oħra".

»Issa meta r-ritrattand Carmelo *sive* Charlie Galea flit ġimgħat ilu kellem lil Frankie Frendo għall tliet darbiet konsekuttivi sabiex ikun żgur li dak li kien qallu Frendo kienet il-verità kollha, dan Frendo ċaħad illi lil Robert Mejlaq u missieru Sammy Mejlaq qalilhom sabiex ma jikxfuhx. Huwa ma qalilhomx sabiex ma jikxfuhx miegħu (ma' Charlie Galea) għax dan Frankie Frendo ma għamel xejn ħażin u fil-fatt huwa qal lill-kwerelant Galea "li jien Frankie Frendo li żgur li ma għamilt xejn ħażin; żgur ma għidtilhomx 'tikxfunix'".

»Għaldaqstant, Frankie Frendo sahaq illi dak illi iddikjaraw il-kwerelati illum ritrattat Robert Meilaq u missieru Sammy Meilaq fl-affidavit tagħhom ma kienx il-verita' u għalhekk il-kwerelant ritrattand talab lis-Supretendent tal-Għassa tal-Pulizija tarRabat Għawdex sabiex jinvestiga lill-kwerelati u jekk jirrizultalu fl-affermattiv, isSupretendent għandu tipproċedi b'kawza kriminali fil-konfront tagħhom. Għall dawn ir-ragunijiet kollha, is-sentenza tal-appell ċivili kienet ittiehdet bil-qerq tarrittrattat bi hsara tar-rittrattand«

6. L-aggravju tal-konvenut huwa manifestament fieragħ.

7. Kif jidher mill-motivazzjoni tas-sentenza attakkata, jekk hux minnu jew le illi Frendo qal lill-attur biex ma jikxfux huwa għalkollox irrelevanti, u b'ebda mod ma tqies mill-qorti bħala fattur li seta' wassalha għad-deċiżjoni tagħha.

8. Kull ma ntqal fis-sentenza attakkata dwar jekk Frendo qalx jew le dak il-kliem huwa illi Frendo ma tressaqx biex jixhed, u xejn iżjed[1]. Dan iżda ma kellu ebda relevanza għall-motivazzjoni tas-sentenza li essenzjalment hija motivata bil-konsiderazzjoni (i) illi "kien f'Diċembru 2015 li [l-attur] innota li

[1] Para. 17 tas-sentenza attakkata.

l-vettura kienet qiegħda ddaħħan … … … Il-kawża nfetħet fis-27 ta' Mejju 2016"[2], li wassal lill-qorti biex tiċħad l-eċċezzjoni tad-dekadenza; (ii) illi "evidenti … li l-vettura tneħħitilha parti essenzjali"[3], li wassal lill-qorti biex tgħid illi l-vettura kellha difett redibitorju; (iii) illi qabel ma "l-attur induna li l-vettura qiegħda daħħan"[4], u b'hekk intebaħ bid-difett, id-difett kien wieħed moħbi; u (iv) illi "l-attur akkwista l-vettura mingħand il-konvenut"[5], u l-konvenut għalhekk kien kontradittur leġittimu.

9. X'seta' qal jew ma qalx Frendo lill-attur wara li kien ġà seħħ dak kollu relevanti għall-kawża ma jibdel xejn.

10. Il-qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi l-konvenut, jekk deherlu li dak li qal Frendo kien relevanti, seta' u messu tellħgu biex jixhed, u mhux imur ikellmu wara s-sentenza finali. Ukoll, li kieku tassew kien relevanti dak li qal Frendo, il-qorti ma kinitx sejra temmen illi, wara li wera mal-attur li ma riedx li jikxfu mal-konvenut, Frendo kien sejjer imbagħad jammetti dak il-kliem mal-konvenut u hekk jikxef lilu nnifsu. Fi kliem ieħor, aktar kien jitwemmen l-attur dwar dan l-episodju.

11. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba biex tħassar is-sentenza attakkata.

12. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallashom il-konvenut. Ukoll, billi hija tal-fehma li r-rikors għal ritrattazzjoni huwa fieragħ u vessatorju, il-qorti wara li rat il-para. 10 tat-Tariffa A mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u

---

[2] Para. 14 tas-sentenza attakkata

[3] Para. 16 tas-snetenza attakkata

[4] Para. 14 tas-sentenza attakkata

[5] Para. 19 tas-sentenza attakkata

Proċedura Ċivili tordna lill-konvenut iħallas lir-Reġistratur tal-Qrati spejjeż addizzjonali ta' elf euro (€1,000).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss